# Aktar testijiet, xi jfisser dan?

**Inti erġajt ġejt imsejħa biex ikollok aktar X-rays tas-sider. Il-maġġoranza tan-nisa li jiġu msejħa għal aktar testijiet ikollhom riżultat normali (m'għandhomx kanċer tas-sider).**

## Għalfejn erġajt ġejt imsejħa?

M'hijiex xi ħaġa rari li terġa' tissejjaħ għal aktar X-rays tas-sider. Raġunijiet komuni għal sejħa mill-ġdid jinkludu:

### Densita'

Mammogramma hija X-ray tat-tessuti ta' sidrek. Jekk it-tessut tas-sider ikun mifrux b'mod li mhux l-istess kullimkien, dan jista' jidher bħala mhux normali. Aktar X-rays jistgħu jgħinu biex jidentifikaw parti densa bħala tessut normali tal-glandoli.

### Ċisti

Densita' f'forma tonda bi trufijiet ċari ġeneralment hija ċista jew għoqda bla periklu (mhijiex kanċeruża). Jekk it-trufijiet ma jidhrux sew, jista' jkun hemm bżonn ta' aktar testijiet.

### Kalċifikazzjoni

Tikek tal-kalċju (kalċifikazzjoni) jidhru fil-mammogramma f'ħafna nisa u dawn il-kalċifikazzjonijiet huma ġeneralment normali. Madankollu, gruppi irregolari ta' kalċifikazzjoni jistgħu jkunu l-aktar sinjal bikri tal-kanċer u jkun hemm bżonn ta' aktar testijiet.

### Marki ta' feriti

Operazzjoni fis-sider fil-passat setgħet ikkawżat xi marka ta' ferita. Minħabba t-tessut tal-marka, ikun aktar diffiċli li jinqraw l-X- rays u jista' jkollok bżonn ta' aktar testijiet.

### Marki tal-ġilda

Marki tal-ġilda li jidhru fuq l-X-ray jistgħu jitpoġġew fuq partijiet fejn hemm marki ta' feriti, felul jew partijiet tas-sider li għandhom xi sintomi biex jgħinu lir-radjologu jistudja l-X-rays.

## Kif ser insir naf ir-riżultati ta' l-X-rays tas-sider ġodda?

BreastScreen WA iċemplulek biex jagħtuk ir-riżultati tal-mammogramma tiegħek.
Aktar testijiet jistgħu jiġu rakkomandati u dawk it-testijiet jiddependu mid-dehra tal-mammogramma. Inti libera li tistaqsi mistoqsijiet kemm trid, biex inti tifhem għalfejn erġajt ġejt imsejħa.

Jekk għandek bżonn aktar testijiet, inti tiġi offruta appuntament f'BreastScreen WA Breast Assessment Centre għal aktar testijiet tas-sider. Dan is-servizz huwa b'xejn u nisa li jgħixu fil-kampanja jistgħu jkunu eliġibbli għall-għajnuna mill-Patient Assisted Travel Scheme (PATS). Jekk jogħġbok ara lit-tabib tiegħek għal aktar informazzjoni.

## Immaġini ta' qabel

Jekk jogħġbok żomm l-immaġini kollha li inti tirċievi mill-mammogrammi u mill-eżamijiet bl-ultrasound ta' qabel. Immaġini tal-passat jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira lir-radjologu biex juru li parti li possibilment tkun ta' tħassib fil-mammogramma kurrenti tiegħek ilha tidher u li m'għandha xejn ħażin jew inkwetanti.

## X'testijiet oħrajn jistgħu jkunu meħtieġa?

Il-biċċa l-kbira tat-tibdil li jiġi skopert minn mammogramma hu żgħir wisq biex jinħass fis-sider u jkollu bżonn testijiet speċjali.

### Mammografija biex tidher aktar id-dijanjosi

Din tinvolvi aktar mammogrammi tas-sider li jiffukaw fuq il-parti ta' interess kliniku.

### Tomosinteżi tas-sider/mammografija bit-3D

Mammografija bi tliet dimensjonijiet (magħrufa wkoll bħala tomosinteżi tas-sider diġitali) tuża software tal-kompjuter speċjali biex toħloq immaġini tas-sider bit-3D permezz ta' X-rays (mammogrammi) meħudin minn angoli differenti. Mammogramma normali toħloq immaġini tas-sider b'żewġ dimensjonijiet.

### Eżami kliniku tas-sider

Jekk wara li l-immaġini tiegħek ikunu ġew eżaminati minn radjologu; ikollok bżonn eżami kliniku, tabiba tas-sider teżaminalek sidrek bir-reqqa u tkellmek dwar l-istorja medika tiegħek.

### Ultrasound tas-sider

Dan huwa test li juża frekwenzi ta' awdjo (mhux radjazzjoni) biex it-tessut tas-sider jidher b'aktar dettal. Is-sider jiġi miksi bil-ġell u strument jiġi magħfus mal-ġilda.

### Bijopsija b'immaġini ggwidata

Bijopsija tas-sider issir billi labra tiġi mdaħħla ġewwa s-sider biex jittieħed kampjun tat-tessut mill-parti ta' interess kliniku, biex tkun tista' tiġi eżaminata taħt il-mikroskopju.

Ir-radjologu li qiegħed jagħmel il-proċedura juża l-ultrasound jew l-X-ray bħala gwida biex jassigura li l-kampjun li tiġbed il-labra jkun mill-parti korretta. Jingħata loppju lokalizzat. It-tessut jiġi eżaminat minn patoloġista u r-riżultati jkunu lesti 24 siegħa wara.

### Klipp biex timmarka

Xi drabi, wara bijopsija gwidata minn X-ray, ikun meħtieġ li l-parti tal-bijopsija tkun immarkata bi klipp  żgħira tal-metall.

## Il-kanċers kollha jistgħu jiġu misjuba b'dawn it-testijiet?

Il-biċċa l-kbira tal-kanċers tas-sider ikunu misjuba, iżda l-ebda test ma jiggarantixxi li jsib il-kanċers kollha. Huwa importanti li n-nisa kollha jsegwu kull  rakkomandazzjonijet li jsiru.

## Waqt l-appuntament ta' Assessjar

Dawn huma Ċentri Speċjalizzati li jkopru ħafna oqsma tal-mediċina fejn inti ser tirċievi assessjar u immaniġġjar espert mit-tim tagħna ta' radjoloġi, patoloġisti, infermiera, radjografi, tobba tas-sider u kirurgi.

L-appuntamenti jkunu kollha filgħodu. Jista' jkollok bżonn tiddedika **sa 8 sigħat** għall-assessjar sħiħ tiegħek. Jekk jogħġbok għarraf lill-impjegati tal-klinika jekk għandek bżonn ċertifikat mediku għal min iħaddmek.

Jekk jogħġbok ħu miegħek il-flus għall-parkeġġ. Jew inkella, ċempel lil Transperth fuq 13 62 13 għal għażliet ta' trasport pubbliku.

## Ir-riżultati lit-tabib tiegħek

Jekk inti innominajt tabib tiegħek (u aħna ninkoraġġuk biex tagħmel dan), BreastScreen WA jinfurmawh bl-appuntament għal aktar testijiet. It-tabib tiegħek jiġi notifikat ukoll bir-riżultati tal-viżta ta' assessjar  tiegħek.

## BreastScreen WA

Telefown (08) 9323 6700 Fax (08) 9323 6799
Email breastscreenwa@health.wa.gov.au
Translating Interpreting Service (TIS) 13 14 50

## BreastScreen WA Assessment Centres

### Royal Perth Hospital (RPH) Breast Assessment Clinic

Level 3, North Block. Wellington Street, Perth, 6000




### Sir Charles Gairdner Hospital

G Block, 1st floor, Hospital Avenue, Nedlands.



# BreastScreen WA Assessment Centres

## Bunbury South West Health Campus
Corner of Bussell Highway and Robertson Drive




## Fiona Stanley Hospital
**Level 1 Main Hospital, 102-118 Murdoch Drive, Murdoch Tel: (08) 6152 4125**




## Joondalup 57 Joondalup Drive, Joondalup




BreastScreen AUSTRALIA
A joint Australian, State and Territory Government Program

BEAT BREAST CANCER
HAVE A FREE X-RAY
RING: 13 20 50

LIKE US ON facebook

**www.breastscreen.health.wa.gov.au**

DEC 2022